

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla Estiża) tad-
9 ta' Settembru 2009 — Diputación Foral de Álava *et vs* Il-Kummissjoni**

(Kawżi T-230/01 sa T-232/01 u T-267/01 sa T-269/01)

“Għajjnuna mill-Istat — Vantaġġi fiskali mogħtija minn entità territorjali ta' Stat Membru — Tnaqqis tal-bażi taxxabbli tat-taxxa fuq il-kumpanniji — Deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-iskemi ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li jordnaw l-irkupru tal-għajjnuna mħallsa — Assoċjazzjoni professjonali — Ammissibbiltà — Rinunzja ta' motiv — Klassifikazzjoni ta' għajjnuna ġdida jew ta' għajjnuna eżistenti — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Prinċipju ta' ċertezza legali — Prinċipju ta' proporzjonalità”

1. *Proċedura — Suġġett tal-kawża — Emenda fil-mori tal-kawża — Projbizzjoni (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 48(2)) (ara l-punti 80-88)*
2. *Proċedura — Intervent — Ammissibbiltà — Eżami mill-ġdid wara digriet preċedenti li jirrikonoxxi l-ammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 40) (ara l-punt 91)*
3. *Proċedura — Intervent — Persuni interessati — Assoċjazzjoni rappreżentattiva li għandha bħala għan il-protezzjoni tal-membri tagħha — Ammissibbiltà f'kawżi li jqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju tali li jaffettwaw lil dawn il-membri (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 40(2) u 53(1)) (ara l-punti 93-100)*
4. *Proċedura — Rikors għal intervent — Rekwiżiti proċedurali (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 116 (4)) (ara l-punti 104-107, 110, 111)*
5. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernaw-hom direttament u individwalment — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' skema ta' għajjnuna mas-suq komuni — Rikors ta' assoċjazzjoni professjonali li tipproteġi u tirrappreżenta l-membri tagħha (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE) (ara l-punti 117-128)*
6. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Għoti mill-awtoritajiet pubbliċi ta' eżenzjoni fiskali lil ċerti impriżi — Inklużjoni (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 134-136, 140, 195)*

7. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Eżami tal-ilmenti — Obbligi tal-Kummissjoni — Motivazzjoni (Artikoli 87(2) KE u 253 KE) (ara l-punti 146-148)*
8. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni — Eżami ta' skema ta' għajnuna meħuda fl-intier tagħha (Artikolu 87 KE) (ara l-punti 152, 153)*
9. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Għajnuna ta' importanza żgħira — Għajnuna ta' natura temporanja — Nuqqas ta' effett (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punt 158)*
10. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi kreditu ta' taxxa (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 169-173, 177, 178)*
11. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Għajnuna mogħtija minn entitajiet reġjonali jew lokali — Inklużjoni (Artikolu 87(1) KE) (punt 189)*
12. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Miżura fiskali speċifika — Natura selettiva tal-miżura — Ġustifikazzjoni bbażata fuq in-natura jew l-istruttura tas-sistema fiskali — Esklużjoni (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 190, 191, 195, 196)*
13. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajnuna li tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni (Artikolu 87(3) KE) (ara l-punti 210, 211)*
14. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE — Għajnuna għat-tħaddim — Esklużjoni (Artikolu 87(3)(ċ) KE) (ara l-punti 219-222)*
15. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida — Klassifikazzjoni bħala għajnuna eżistenti — Kriterji — Miżura li temenda sostanzjalment skema ta' għajnuna eżistenti — Esklużjoni (Artikoli 87 KE u 88 KE) (ara l-punti 239-246)*
16. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida — Klassifikazzjoni ta' għajnuna eżistenti — Kriterji — Żvilupp tas-suq komuni*

(Artikoli 87 u 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 1(b)(v))
(ara l-punti 251, 253, 257)

17. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Proċedura amministrattiva — Dritt tal-partijiet interessati li jissottomettu l-kummenti tagħhom (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 6(1)) (ara l-punti 266-279)*
18. *Proċedura — Intervent — Rikors intiż li jsostni t-talbiet ta' waħda mill-partijiet (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 40, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 116(3)) (ara l-punti 301-303)*
19. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Eżami mill-Kummissjoni — Proċedura ta' eżami qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 659/1999 — Nuqqas ta' ssuġġettar għal termini speċifiċi — Limitu — Osservanza tar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali — Obbligu li jii konkluż fi żmien raġonevoli l-eżami preliminari miftuħ wara lment (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999) (ara l-punti 305-315)*
20. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajjnuna illegali — Għajjnuna mogħtija bi ksur tar-Regoli tal-Proċedura tal-Artikolu 88 KE — Aspettattivi leġittimi eventwali tal-benefiċjarji — Protezzjoni — Kundizzjonijiet u limiti (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) KE) (ara l-punti 316-320)*
21. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Proġetti ta' għajjnuna — Eżami mill-Kummissjoni — Fażi preliminari u fażi kontradittorja — Osservanza ta' terminu raġonevoli (Artikolu 88(2) u (3) KE) (ara l-punti 339-344, 349)*
22. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajjnuna illegali — Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Assenza (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88 (2) KE) (ara l-punti 374-377)*

Suġġett

Fil-Kawżi T-230/01 u T-267/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/892/KE, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar skema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda fil-provinċja ta' Álava (ĠU 2002, L 314, p. 1), fil-Kawżi T-231/01 u T-268/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni 2002/806/KE tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda fil-provinċja ta' Vizcaya (ĠU 2002, L 279, p. 35), u, fil-Kawżi T-232/01 u T-269/01, talba għall-

annullament tad-Deċiżjoni 2002/540/KE tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda fil-provinċja ta' Guipúzcoa (ĠU 2002, L 174, p. 31).

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-230/01, T-231/01, T-232/01, T-267/01, T-268/01 u T-269/01 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Fil-Kawżi T-230/01 sa T-232/01:
 - it-Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava, it-Territorio Histórico de Vizcaya — Diputación Foral de Vizcaya, it-Territorio Histórico de Guipúzcoa — Diputación Foral de Guipúzcoa u l-Comunidad autónoma del País Vasco — Gobierno Vasco għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u mill-Comunidad autónoma de La Rioja;
 - il-Confederación Empresarial Vasca (Confebask), il-Cámara Oficial de Comercio e Industria de Álava, il-Cámara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Vizcaya u l-Cámara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Guipúzcoa għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.
- 4) Fil-Kawżi T-267/01 sa T-269/01, il-Confebask għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u mill-Comunidad autónoma de La Rioja.